KUNSILL NAZZJONALI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ
50, LION STREET, FLORIANA, FRN1513, MALTA
21 245 376 | INFO@KNZ.ORG.MT

# L-Opportunitajiet tal-Isports u Arti f'Malta




Il-Parlament Nazzjonali taż-Żgħażagħ 2020
Edizzjoni numru 18

KUNSILL NAZZJONALI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ
50, LION STREET, FLORIANA, FRN1513, MALTA
21 245 376 | INFO@KNZ.ORG.MT

# Lista tal-kontenut

## Lista tal-Kontenut

**Lista tal-kontenut** 2
**Introduzzjoni** 3
**Proposti** 4
L-Opportunitajiet tal-Isports f'Malta 4
**Sezzjoni 1: Sports f'livell Fundamentali** 4
**Sezzjoni 2: Sports ta' livell Kompetittiv** 7
**Sezzjoni 3: It-Tmexxija tal-Isport mill-Entitajiet Governattiva** 10
**Sezzjoni 4: L-Isport u l-Qasam tal-Midja** 12
L-Opportunitajiet tal-Arti f'Malta 14
**Membri** 19
**Anness 1** 20

# Introduzzjoni

Meta inħarsu lejn l-opportunitajiet tal-arti f'Malta, naraw li hawn lok kbir sabiex dan is-settur ikompli jikber u jissaħħaħ. Meta nużaw il-kelma 'arti', qegħdin nirreferu għall-metodi varji li permezz tagħhom individwu jista' jipprattika l-ħiliet kreattivi u imaġinattivi tiegħu. Permezz ta' dawn il-ħiliet, l-artist ikun kapaċi jipproduċi xogħlijiet artistiċi magħmulin għal udjenza li kapaċi tapprezza dawn l-istess xogħlijiet.

B'hekk, wieħed jista' jinnota kemm l-arti hija kruċjali mhux biss fl-iżvilupp kreattiv ta' nies individwali imma anke fl-iżvilupp tal-mentalità tal-popolin. B'għarfien artistiku fluwenti, il-poplu jkun jista' japprezza verament id-dettalji żgħar fl-affarijiet ta' kuljum u b'hekk nistgħu ngħidu li l-apprezzament lejn l-arti kapaċi jwitti t-triq għall-apprezzament lejn affarijiet oħrajn li rari nagħtu każ tas-sinifikat tagħhom.

Permezz tal-proposti elenkati f'din ir-reżoluzzjoni fir-rigward tal-arti, nixtiequ li l-arti tingħata aktar prominenza f'Malta u li l-artisti jintwerew aktar rispett għax-xogħol li jagħmlu, li ħafna drabi jiġi ikkunsidrat bħala sempliċiment passatemp. Bħal kwalunkwe industrija oħra, is-settur artistiku għandu potenzjal ekonomiku, edukattiv, kreattivi, u anke turistiku kbir. Hija ħasra li dan il-potenzjal mhux qiegħed neċessarjament jintlaħaq għall-massimu tiegħu.

Permezz ta' stħarriġ u anke komunikazzjonijiet ma' organizzazzjonijiet artistiċi f'pajjiżna, provajna kemm jista' jkun insibu soluzzjonijiet għall-problemi komuni li qegħdin jaffaċċjaw l-artisti fil-gżejjer tagħna.

Flimkien mal-arti kontemporanja nsibu dik hekk meqjusa bħala l-arti sportiva. Mod naturali ta kif  il-komunità tesprimi lilha nnifisha permezz ta' ħiliet fiżiċi, fid-diversita vasta ta' modi u metodi ta' eżerċizzju fiżiku, illi jieħdu wkoll forom differenti permezz ta' dixxiplini sportivi varji. Il- bniedem mill-bidu taż-żmien kien isib modi differenti ta kif itejjeb il-ħiliet fiżiċi tiegħu biex dejjem ikun aktar produttiv f'xogħlu, iżda wkoll minn dejjem sab modi kreattivi ta' kif jagħmel użu mill-attributi fiżiċi umani  biex iferraħ u jagħti spettaklu.

Biss meta inħarsu lejn l-opportunitajiet sportivi ġewwa pajjiżna għalkemm sar ħafna u ħafna xogħol f'dan il -qasam, meta kkumparat ma pajjiżi ġirien jew daqs tagħna osservajna diversi modi ta kif jista' jkun hemm titjib sostanzjali. Aħna mhux biss għamilna ir-riċerka tagħna ibbażata fuq studji xjentifiċi, iżda wkoll tkellimna ma' diversi

‘stakeholders’ Maltin illi jifformaw il-livelli varji tal-isport ġewwa Malta, biex b’hekk ħadna perspettiva minn angoli differenti kollettivi.

Għaldaqstant wara din ir-riċerka mxejna għall-fażi li jmiss fejn ħloqna serje ta’ proposti elenkati f’forma ta’ reżoluzzjoni illi nixtiequ jiġu ikkunsidrati biex mhux biss ntejbu il-prospetti tal-isport kompetittiv, iżda wkoll naslu biex nibdlu il-lenti illi biha bħala kultura Maltija inħarsu lejn l-isport inġenerali.

Fost oħrajn speċjalment fi żminijiet ta’ pandemija ħarġu diversi problemi soċjali illi jeżistu fil-familji Maltin u Għawdxin, fejn esperjenzajna kemm l-isport għandu jkun parti fundamentali fir-rutina individwali u dik kollettiva, biex b’hekk niġġieldu dawk il-problemi fiżiċi, soċjali u psikoloġiċi. Illum iktar minn qatt qabel il-poplu irrikonoxxa dan il-bżonn u allura ma’ hemmx żmien aħjar biex permezz ta’ investimenti sodi jitkompla jitkattar dan il-qasam, kif ukoll ikun hemm metodi alternattivi ta’ aċċessibilita permezz ta’ għajnuna governattiva lil klassijiet soċjali differenti fis-soċjetà tagħna.

KUNSILL NAZZJONALI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ
50, LION STREET, FLORIANA, FRN1513, MALTA
21 245 376 | INFO@KNZ.ORG.MT

# Proposti

## L-Opportunitajiet tal-Isports f'Malta

### Sezzjoni 1: Sports f'livell Fundamentali

L-isport l-ewwel u qabel kollox huwa stil ta' ħajja li għandha tkun parti fundamentali mill-ħajja ta' kwalunkwe persuna. Apparti mill-benefiċċji fiżiċi u mentali li wieħed jirċievi permezz ta' eżerċizzju, l-isport jibni l-karattru tal-bniedem u jgħin fl-Iżvilupp olistiku tal-bniedem.

Sabiex wieħed jirċievi l-frott tal-isport u sabiex f'Malta tilħaq il-potenzjal tagħha fl-isport, nemmnu li x-xogħol għandu jibda ta' età żgħira partikularment fl-iskejjel minħabba li għandhom rwol essenzjali fl-iżvilupp ta' persuna. Nemmnu li l-iskejjel għandhom l-ikbar rwol sabiex it-tfal Maltin jitħarrġu f'sport u iktar minn hekk jaraw il-valur ta' ħajja sportiva.

Il-WHO (World Health Organisation) jirrakkomandaw tal-inqas minn 60 minuta ta' attività fiżika kuljum għal nies bejn ħames u sbatax il-sena. Iżda studju mħejji mill-WHO fl-2018 juri li 25% ta' tfal taħt tnax il-sena u 36% ta' żgħażagħ jilħqu l-ammont rakkomandat. Allura nipproponu li:

1. Jkun hemm tal-inqas sagħtejn ta' lezzjonijiet ta' edukazzjoni fiżika fil-ġimgħa obbligatorji f'livell ta' primarja, sekondarja, u istituzzjonijiet post-sekondarji għandhom jipprovdu sagħtejn għall-isports fil-ġimgħa fejn titieħed l-attendenza skont il-proċeduri tal-istituzzjoni. Din ir-regola ma' tapplikax għall-adulti (i.e. nies 18+).

2. L-introduzzjoni ta' organizzazzjoni ta' attivitajiet sportivi waqt il-brejk tal-iskejjel. Nipproponu li jkun obbligatorju li dawn l-attivitajiet jiġu organizzati u l-għalliema jitħallsu għal dan ix-xogħol fil-waqt li għalkemm l-istudenti jkunu inkuraġġiti jattendu, dan m'għandux ikun obbligatorju għalihom.

    a. Nipproponu li waqt dan il-ħin jiġi organizzat ukoll logħob tradizzjonali Malti sabiex l-isports iservi bħala opportunità lil-istudenti jiskopru u jesperjenzaw il-kultura Maltija.

b. Għalkemm dawn l-attivitajiet m'għandhomx ikunu obbligatorji minħabba li l-istudenti jkollhom ħin biex jieklu eċċ, nikkoraġixxu inċentivi li jingħataw lil-istudenti li jipparteċipaw f'dawn l-attivitajiet.

3. L-implementazzjoni ta' Active school transport fejn l-istudenti li jgħixu viċin l-iskola flimkien mal-għajnuna mingħand voluntiera jmorru l-iskola u lura d-dar bil-mixi jew bir-rota minflok bil-karozza u mezzi oħrajn ta' trasport.

4. Attivitajiet fiżiċi u sportivi wara l-iskola fil-grawnds tal-iskola għal-istudenti. Dawn jiġu mħejjin minn għalliema u kowċis li jitħallsu speċifikament għal dan ix-xogħol.

5. L-introduzzjoni ta' kunsill sportiv f'kull skola f'livell tal-primarja sa' post-sekondarja. Dan il-kunsill għandu jkun magħmul minn numru ta' studenti minn kull sena bl-għan li jorganizzaw attivitajiet sportivi kif ukoll joħorġu b'ideat li jiġu implimentati fl-iskejjel li jinkoraġġixxu ħajja attiva.

6. L-irwol ta' Koordinatur Sportiv f'kull kulleġġ jew skola sekondarja u primarja li jkunu responsabbli għal organizzazzjonijiet ta' attivitajiet sportivi fl-iskola, jimmaniġġjaw faċilitajiet sportivi tal-iskejjel, jidentifikaw talent f'studenti u jkunu jistgħu jgħinu lil-istudenti li jixtiequ jipprattikaw l-isport.

7. Sillabu ġdid tal-edukazzjoni fiżika f'kull livell skolastiku, fejn l-isports u n-nutrizzjoni jiġu mgħallma minn esperti mis-settur edukattiv u dak tas-saħħa. Dan is-sillabu għandu jiġi bbażat fuq varjetà ta' sports u 'meal plans', anke dawk li mhumiex daqstant magħrufin sabiex wieħed ikun jista' jagħżel il-mezzi li huma l-aktar addattati għalih.

8. L-implementazzjoni ta' sistema fejn il-gvern jiftaħ fond li diversi klabbs sportivi jkunu jistgħu japplikaw għalih u jibbenifikaw minnu, biex b'hekk il-klabbs ikollhom opportunitajiet akbar ta' attivitajiet f'kollaborazzjoni mal-iskejjel fil-viċinanza.

9. Organizzazzjoni ta' diversi 'open days' matul is-sena fejn diversi assoċjazzjonijiet sportivi jingħaqdu flimkien sabiex diversi nies jkunu jistgħu jiskopru sports ġodda u talenti sabiex jibdew jipprattikaw sport.

10. Programmi organizzati ġewwa skejjel immirati lejn bniet u tfajliet li jħeġġuhom jipprattikaw sports fil-forma ta' taħditiet minn atleti nisa kif ukoll diversi attivitajiet ta' sports għal bniet u tfajliet.

11. Skema fejn atleti li jirrappreżentaw lil Malta li jaħdmu mal-Gvern jiġu sekondati sabiex ikunu jistgħu jmorru l-iskejjel u jippromovu sport billi jagħtu preżentazzjonijiet kif ukoll jorganizzaw attivitajiet sportivi għal-istudenti relatat mal-isport li jitħarrġu fih.

KUNSILL NAZZJONALI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ
50, LION STREET, FLORIANA, FRN1513, MALTA
21 245 376 | INFO@KNZ.ORG.MT

# Sezzjoni 2: Sports ta' livell Kompetittiv

Meta wieħed iħares lejn l-istruttura tas-sistema sportiva f'Malta, huwa tal-ogħla importanza li wieħed janalizza kull parti ta' din il-kwistjoni b'dettal. Mhuwiex possibbli li atleti Maltin jilħqu l-potenzjal tagħhom mingħajr kooperazzjoni totali u strateġiji mħejjin minn persuni ikkwalifikati fis-settur.

Dawn il-proposti jiffokaw fuq il-klabbs, l-Assoċjazzjonijiet u l-Federazzjonijiet Sportivi kif ukoll l-entitajiet Governattivi – Sport Matla u l-Kumitat Olimpiku Malti. Aħna nemmnu li l-proposti tagħna jistgħu ikunu parti mis-soluzzjoni sabiex Malta u l-sportivi tagħha – atleti, kowċis, uffiċjali u mexxejja jilħqu l-potenzjal u jagħmlu storja fl-isport Malti. B'hekk nipproponu:

12. Taħditiet informattivi ġewwa skejjel min membri ta' entitajiet governattivi sportivi – Kumitat Olimpiku Malti (MOC), National Anti Doping Agency (NADO) li jagħtu tagħrif lill-istudenti dwar ix-xogħolu l-irwol ta' dawn l-entitajiet kif ukoll kif atleti Maltin jistgħu jibbenifikaw mill-għajnuna tagħhom.

13. Kampanji mħejji minn entitajiet governattivi sabiex jiżdied l-għarfien dwar is-sistema sportiva f'Malta u l-varjetà ta' sports li jeżistu f'Malta. Dan għandu jsir permezz ta' kampanja magħmula minn reklami televiżivi u fuq midja soċjali kif ukoll posters informattivi.

14. Il-Fondazzjoni ta' "Youth Elite Athlete Network" li jkun magħmul minn atleti kurrenti u atleti irtirati fit-timijiet nazzjonali sabiex ikunu jsibu għajnuna u appoġġ fil-qasam sportiv kif ukoll informazzjoni rigward fondi u skemi li huma eliġibbli għalihom. Dan il-grupp għandu jiġu ikkonsultat minn entitajiet governattiva waqt abbozzar ta' liġi. Għalhekk nipproponu li jsir aktar għarfien fuq il-fondi u opportunitajiet li qiegħdin jingħataw tiġa.

15. L-iżvilupp ta' settur fil-qasam sportiv dedikat sabiex jgħin lil atleti li jixtiequ jkomplu l-istudju tagħhom barra minn Malta bl-għan li jkomplu jiżviluppaw t-talent tagħhom. Dan is-settur għandu jkun responsabbli sabiex issib boroż ta' studju għal kull atleta, gwida matul dan il-proċess kif ukoll għajnuna finanzjarja biex jibdew ħajja ġdida barra minn Malta waqt li jkunu qed jistudjaw.

KUNSILL NAZZJONALI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ
50, LION STREET, FLORIANA, FRN1513, MALTA
21 245 376 | INFO@KNZ.ORG.MT

16. Skema f'kull istituzzjoni post-sekondarja u terzjarja lill-atleti studenti fejn ikollhom skeda li tgħin lil l-istudenti jibbilanċjaw bejn studju u taħriġ kif ukoll ikun hemm arranġamenti għal studenti waqt li jsiefru sabiex jirrappreżentaw lil Malta.

17. Kors provdut lil kull atleta li jirrappreżenta lil Malta rigward n-nutrizzjoni, bilanċ bejn sports u impenji oħrajn, l-importanza ta' 'fair play' u 'clean sport' kif ukoll informazzjoni dwar prevenzjoni ta' korriment.

18. Kunsilliera u psikologi disponibbli għal-atleti waqt li jkunu qed jirkupraw minn korriment li kkawża ammont sostanzjali ta' ħin barra l'isport tagħhom.

19. Eżami minn psikologu jew professjonist fil-qasam tas-saħħa mentali li kull atleta mat-tim nazzjonali sabiex ikunu jistgħu jsibu l-għajnuna u s-sapport fejn ikun meħtieġ.

20. Fondi lil kull atleta li qed tikkompeti barra waqt li qed jirrappreżentaw lil Malta għal-ispiża ta' titjiriet, akkomodazzjoni u uniformi. B'hekk jitnaqqas il-piż finanzjarju fuq l-atleta jew il-familja tagħhom filwaqt li jkun hemm opportunitajiet għal kull atleta li jikseb ċertu livell irrispettivament tas-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom.

21. Korsijiet fil-Università ta' Malta dedikati għal professjoni ta' maniġġjar fil-qasam sportiv. Dan il-kors għandu jkun mħejji minn diversi esperti f'dal-qasam sabiex l-isports Malta jitmexxa minn nies kwalifikati u b'hekk jkompli jiżviluppa.

    a. Sabiex membri tal-assoċjazzjonijiet sportivi Maltin ikunu mħeġġa jistudjaw f'dal-qasam, assoċjazzjonijiet b'membri kwalifikati f'dal-qasam għandhom jirċievu iktar fondi bħala inċentiv.

22. Sistema ta' programm ta' konsulenza mħejji mill-Kumitat Olimpiku Malti kemm bejn kowċis Maltin li għadhom qed jibdew u kowċis Matlin li kisbu ċertu livell u bejn kowċis Maltin li għandhom ammont ta' esperjenzi ma' kowċis professjonali barra minn Malta.

23. Sistema ta' programm ta' skambju mħejji mill-Kumitat Olimpiku Malti kemm bejn uffiċjali Maltin sabiex ikunu jistgħu jieħdu esperjenza barra minn Malta filwaqt li uffiċjali rreġistrati ma' assoċjazzjonijiet barranin jagħmlu perjodu ta' żmien Malta. B'hekk jinbena l-profil ta' sports Malta kif ukoll jinbnew relazzjonijiet bejn diversi assoċjazzjonijiet.

24. L-Iżvilupp ta' 'Talent Identification Unit' f'kull skola u kulleġġ f'Malta u Għawdex li jkollhom l-irwol li jidentifikaw studenti b'ċertu talenti sportivi u jassistuhom sabiex jibdew jitħarrġu fl-isport li għandhom potenzjal fih.

25. L-introduzzjoni ta' taxxa ta' 1% fuq prodotti ta' tipjip, xorb, logħob għall-flus eċċ li jmur lil entitajiet governattivi responsabbli għal-isport f'pajjiżna sabiex jkun jista' jitkompla l-iżvilupp tal-isport f'Malta.

26. L-Organizzazzjoni ta' tazza bejn r-rebbieħ Malti u r-rebbieħ l-Għawdxi f'kull sport b'kampjonat rispettivament. B'hekk il-poplu Għawdxi ikun qed jingħata iktar opportunitajiet u jkun hemm iktar pubbliċità fl-isport Għawdxi.

# Sezzjoni 3: It-Tmexxija tal-Isport mill-Entitajiet Governattiva

27. Iktar tagħrif fuq programmi governattivi li diġà jeżistu bħal BE88 li jgħinu lil tfal Maltin jipprattikaw sport.

28. Is-separazzjoni bejn Sport Olimpiku u dak li mhux Olimpiku. Nipproponu li l-isports Olimpiċi ikollhom jirreġistraw biss taħt il-Kumitat Olimpiku Malta (MOC) u l-Isport li mhumiex Olimpiċi jirreġistraw taħt Sport Malta. B'hekk ikun hemm proċess iktar sempliċi u inqas piż ta' xogħol kemm taħt l-entitajiet governattivi u anke l-assoċjazzjonijiet sportivi.

29. Ministeru dedikat sempliċiment għal-Isport sabiex tgħin fil-bidla tal-mentalità rigward l-isport f'pajjiżna minħabba li jkun qed jingħata iktar importanza mill-gvern u sabiex iktar xogħol jista' jsir rigward is-sistema sportiva f'Malta.

30. Żieda ta' stipendju lil-istudenti atleti Maltin li jirrappreżentaw lil Malta jew li għandhom dan il-potenzjal sabiex jitnaqqas il-piż finanzjarju fuq żgħażagħ Maltin. Din iż-żieda għandu bżonn jgħin lil atleti sabiex jiffinanzjaw tagħmir, uniformi u servizzi bħal fiżjoterapija fil-każ ta' bżonn.

31. Kull student f'livell post sekondarja u terzjarja għandu jkun eliġibbli għal skont f'tal-inqas wieħed mill-ġinnasji u kumplessi sportivi f'Malta. B'hekk iż-żgħażagħ ikunu inċentivati jkunu attivi sabiex ikomplu jgħixu ħajja attiva filwaqt li jitnaqqsu l-ispejjeż għal-mediċina iktar il-quddiem għal mard ikkawżat minn nuqqas ta' attività fiżika.

32. Federazzjonijiet u Assoċjazzjonijiet li tilfu post fejn jitħarrġu u jorganizzaw kompetizzjonijiet. Dan ifisser li hemm ammont ta' atleti mhumiex kapaċi jipprattikaw l-isport tagħhom u qed jitilfu ammont sostanzjali ta' ħin li se tagħmilha ħafna iktar diffiċli biex jiksbu riżultati barra minn Malta. Għalhekk nemmnu li għandhom jingħataw prijorità biex jużaw faċilitajiet ġodda.

33. F'Malta hemm nuqqas ta' postijiet speċjalment fil-miftuħ fejn wieħed jista' jitħarreġ fl-isports mingħajr ma jkollhom bżonn jivvjaġġaw. Din tagħmilha ħafna iktar diffiċli għal min jixtieq jagħmel eżerċizzju minħabba li jkunu qed jitilfu ċertu ammont ta' ħin żejjed. B'hekk nemmnu li kull skola tal-Gvern b'faċilitajiet sportivi għandhom jinfetħu għal-pubblika wara s-siegħat tal-iskola bla ħlas.

a. Nemmnu li skejjel tal-knisja u privati għandhom ikunu inkuraġġiti biex jagħmlu dan. B'hekk nipproponu li kull skola li tiftaħ faċilitajiet sportivi lil-pubbliku għandha tingħata għajnuna mingħand il-Gvern għal manutenzjoni ta' dawn il-faċilitajiet.

34. Inizjattiva fejn darba fil-ġimgħa jingħalqu pjazez u partijiet mill-irħula Matlin għal-karozzi u jiġi inkuraġġit eżerċizzju. Sabiex dan isir nipproponu li Sport Malta u Assoċjazzjonijiet Sportivi jorganizzaw lezzjonijiet u diversi attivitajiet ġewwa l-pjazez Maltin.

KUNSILL NAZZJONALI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ
50, LION STREET, FLORIANA, FRN1513, MALTA
21 245 376 | INFO@KNZ.ORG.MT

# Sezzjoni 4: L-Isport u l-Qasam tal-Midja

Il-Midja hi aġent tas-soċjalizzazzjoni. Dan ifisser li l-midja għanda influwenza fuq in-normi soċjali tal-individwu u għandu impatt sostanzjali fuq dak li s-soċjetà tqis ta' importanza u dak li hu aċċettabbli. Minħabba s-saħħa enormi tal-midja fis-soċjetà tagħna, nemmnu li l-midja għandha rwol essenzjali sabiex tinbidel il-mentalità Maltija rigward l-isports.

Aħna nixtiequ naraw soċjetà fejn l-isport qiegħed fil-quċċata tas-soċjetà. Huwa permess tal-midja li jkun hemm iktar tagħrif rigward l-atleti tagħna u l-varjetà tal-isports li jeżistu ġewwa pajjiżna. Minħabba dan kollu nagħrfu l-bżonn tas-settur tal-ġurnalisti sportivi sabiex id-dinja sportiva ssir parti mill-kultura Maltija. B'hekk nipproponu:

35. Opportunitajiet għal-studenti Maltin biex jagħmlu job shadowing u apprendistat ma' ġurnalisti sportivi

36. Jiġi offrut kors fl-iSports Midja u Ġurnaliżmu Sportiv minn istituzzjonijiet terzjarji mħejjija minn fuq rakkomadazzjonijiet t'esperti fil-qasam, bħall-ġurnalisti tal-isport. Dan il-kors għandu jagħti l-istudenti l-ħiliet professjonali u neċessarji ta' kif għandhom jikkomunikaw u jirrapurtaw l-informazzjoni fil-qasam. Ma jiġux esklużi opportunitajiet ta' internships ma' stazzjonijiet televiżivi u tar-radju. L-għan ta' dan il-kors huwa sabiex jitqanqal l-interess, jikber l-għarfien, u eventwalment, tiżdied il-kwalità ta' dan ix-xogħol f'pajjiżna.

37. Kampanja iffinanzjat mill-Gvern fejn issiru reklami televiżivi, flyers u kartelluni ta' atleti Maltin li jikkompetu f'livell ogħla f'Malta sabiex ikun hemm iktar tagħrif dwar atleti Maltin u dixxiplini sportivi. Din il-kampanja għandha tgħin sabiex l-atleti Maltin jibdew iservu bħala 'role models' biex toħloq bidla fil-mentalità f'Malta rigward l-isport kif ukoll sabiex tfal u żgħażagħ jiskopru sports ġodda li jistgħu jipprattikaw.

38. Kampanja fejn professjonisti involuti fil-ġurnaliżmu sportivi iżuru l-iskejjel sabiex jedukaw u jinfurmaw l-istudenti fuq din il-professjoni kif ukoll jagħtu lill-istudenti jippruvaw ċertu aspetti minn dan ix-xogħol.

KUNSILL NAZZJONALI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ
50, LION STREET, FLORIANA, FRN1513, MALTA
21 245 376 | INFO@KNZ.ORG.MT

39. Għajnuna lil entitajiet sportivi permezz ta' fondi u tagħrif dwar kif jistgħu jikkomunikaw aħjar mal-poplu Malti. Nipproponu li fondi jingħataw lil kull assoċjazzjoni sabiex ikun hemm xogħol ta' uffiċjal għar-relazzjonijiet pubbliċi kif ukoll jinħolqu siti elettroniċi u paġni fuq midja soċjali li jiġu aġġornati b'mod regolari.

40. Ħolqa ta' sistema fejn kull assoċjazzjoni sportiva tħejji u tiċċirkola stqarrijiet tal-istampa dwar kull dixxiplina b'hekk ikun hemm iktar varjetà ta' sports fil-midja.

41. Programmi televiżivi u programmi fuq midja soċjali mħejji minn assoċjazzjonijiet sportivi li jikkonsistu minn eżerċizzji li l-poplu jista' jsegwi faċilment mid-dar.

    a. Inċentivi bħal tagħmir u fondi għandhom jingħataw lil assoċjazzjonijiet li jipparteċipaw f'din l-iskema sabiex tkun possibbli biex jipparteċipaw kif ukoll ikun hemm iktar varjetà u inqas piż fuq entità partikolari.

KUNSILL NAZZJONALI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ
50, LION STREET, FLORIANA, FRN1513, MALTA
21 245 376 | INFO@KNZ.ORG.MT

# L-Opportunitajiet tal-Arti f'Malta

42. L-avvenimenti artistiċi li jsiru matul is-sena għandhom jiġu kkoordinati fuq livell nazzjonali ħalli ma jispiċċawx isiru diversi avveniment fl-istess ħinijiet. Nemmnu li għandu jkun hemm istituzzjoni li tipprova tieħu ħsieb din il-koordinazzjoni sabiex l-arti ma tkunx kompetittiva iżda koordinattiva.

43. B'dak li rajna mis-sitwazzjoni tal-COVID-19, innutajna l-importanza tal-mezzi tax-xandir *online*. Għalhekk, għandna nagħmlu ċert li min qed jagħmel użu ta' dawn il-mezzi virtwali jkollu l-apparat u l-għodod neċessarji sabiex ikun jista' jwassal prestazzjonijiet ta' kwalità. Dan ikun qed jgħaqqad ukoll l-artisti man-nies li jaħdmu fl-awdjoviżiva u oqsma tekniċi oħra.

44. Il-Gvern għandu jipprovdi fondi lill-kumpaniji u entitajiet artistiċi privati biex ikunu jistgħu jipprovdu boroż ta' studju lil min japplika għalihom ma' dawn l-istess entitatijet (eż. *Stagecoach*, *The Dance Workshop*, *Johann Strauss - Malta School of Music*, il-Kulleġġ Mikiel Anton Vassalli).

45. Riċentement, bdew jinħolqu opportunitajiet bħal m'huma l-programm tal-'*Manoel Young Producers and Writers*', l-inizjattiva '*Francis Ebejer Atelier*' ta' Teatru Malta, opportunitajiet offruti minn Spazju Kreattiv, fost oħrajn. Madankollu, inħeġġu lill-i*stakeholders* sabiex ikomplu jissaportjaw opportunitajiet bħal dawn u anke joħolqu aktar minnhom għal oqsma artistiċi differenti. Dan jgħin sabiex tiġi avvanzata l-edukazzjoni ta' tfal u żgħażagħ kreattivi li jixtiequ jimxu 'l quddiem fis-settur artistiku.

46. Is-settur tal-arti għandu jiġi xprunat fl-iskejjel sabiex bħalma jingħataw opportunitajiet lill-istudenti f'oqsma bħax-xjenzi, ir-robotika, l-isports, eċċ., ikun hemm ukoll inċentivi sabiex l-istudenti jingħataw l-opportunità li jkunu parteċipi fil-qasam artistiku u b'hekk tinħoloq vetrina ta' talent għall-istess studenti li jagħżlu li jkomplu fuq din il-karriera fuq kwalunkwe bażi.

47. L-iskejjel kollha għandhom joffru opportunitajiet ko-kurrikulari għall-istudenti tagħhom, li jinkludu esibizzjonijiet u attivitajiet varji, fejn l-istudent jiġi mgħarraf dwar kif għandu japprezza l-arti u kif jevolvi fiha.

48. Għandu jinħoloq katalgu, fiżiku jew virtwali, fejn stabbilimenti, entitajiet, u anke individwi differenti jkunu jistgħu jfittxu artisti f'kwalunkwe qasam artistiku sabiex jipprovdu s-servizz tagħhom lil dawk li jsibuhom f'dan il-katalgu. Dan jiffaċilita s-sejba ta' artisti skont il-ġeneru artistiku tagħhom, kemm jieħdu flus għas-servizzi tagħhom, u anke jkunu jistgħu jsegwu jew jisimgħu *demo* tagħhom.

49. Bħalissa hawn Malta, kwalunkwe individwu jista' joffri servizzi ta' edukazzjoni artistika, anke jekk ma jkollux biżżejjed kwalifiki biex jagħmel dan. Madankollu, qegħdin nipproponu standardizzazzjoni fejn jiġi definit x'livell ta' kwalifiki wieħed għandu jkollu sabiex ikun jista' jgħallem l-arti tiegħu. Dan jiggarantixxi li t-tagħlim ikun wieħed professjonali kemm jista' jkun u b'hekk inkunu wkoll qed nagħmlu ċert li kull min jixtieq jeduka ruħu f'xi qasam artistiku jkun jista' jagħmel dan mingħajr ma joqgħod iħabbel rasu jekk l-għalliem tiegħu huwiex kwalifikat biżżejjed.

50. Meta nħarsu lejn l-iskejjel sekondarji, ninnotaw illi suġġetti bħall-Mużika, l-Arti, u d-Drama, fost oħrajn, ma jibqgħux isiru wara li student jilħaq ċertu livell ta' edukazzjoni. Per eżempju, hawn skejjel li joffru lezzjonijiet ta' dan it-tip fl-ewwel u t-tieni sena tas-sekondarja biss u mit-tielet sena 'l fuq isiru biss fil-brejk. Madankollu, aħna nipproponu li jiġu ddedikati lezzjonijiet matul il-kors kollu tas-sekondarja lill-istudenti kollha fejn ikunu jistgħu jesploraw oqsma artistiċi varji. Ladarba nemmnu li l-arti twitti t-triq għall-apprezzament ta' affarijiet oħra, nemmnu għalhekk li pass bħal dan ikompli jgħin lill-istudent jiżviluppa b'mod olistiku.

51. Nipproponu li tingħata l-opportunità lill-artisti li għadhom mhux daqstant stabbiliti, u anke dawk li stabbilixxew ruħhom fil-qasam tagħhom, sabiex iduru l-lokalitajiet ta' Malta u Għawdex u jesebixxu t-talent artistiku tagħhom. Minkejja li konxji li matul il-pandemija *Festivals Malta* ħadu l-inizjattiva ta' '*The Hybrid Festival*', b'din il-proposta nixtiequ ninkoraġixxu l-preżenza ta' aktar inizjattivi bħal dawn matul is-sena kollha, bl-inklużjoni ta' aktar oqsma artistiċi (fil-każ ta' '*The Hybrid Festival*', il-fokus ewlieni kien il-qasam tal-mużika.

52. Għandu jkun hemm skemi ta' *grants* mill-Gvern li jinkoraġġixxu kumpaniji artistiċi biex itellgħu produzzjonijiet b'atturi, kantanti, mużiċisti, eċċ. inqas magħrufin. Dan għaliex hemm tendenza fejn il-Maltin jippreferu jmorru jaraw produzzjonijiet f'ċertu spazji, bħat-Teatru Manoel, Teatru Rjal, eċċ., milli f'spazji oħra. Apparti minn dan, huma ħafna li ma jmorrux jaraw produzzjoni sempliċiment għax m'hemmx artisti li huma kkunsidrati rrinomati qed jieħdu sehem fiha.

53. Għandu jkun hemm inċentiv jew stimulu għall-avvenimenti bħall-kunċerti tal-massa, fejn ikun hemm kemm artisti stabbiliti bħala *headliners* u oħrajn inqas popolari, jew li għandhom inqas esperjenza, bħala *opening acts*. Din hija komuni ħafna fil-kunċerti barranin u avvenimenti bħall-'*Isle of MTV*'. Dan hu essenzjali sabiex kemm artisti ġodda kif ukoll dawk aktar stabbiliti jkattru l-ispettaturi tagħhom u joħolqu ċertu kontinwità u tiġdid fix-xena mużikali li jappartjenu minnha. L-artisti mużikali tipikament jagħmlu *tours* fejn jipparteċipaw f'avvenimenti ta' dan it-tip biex jiksbu s-suċċess u l-popolarità. Ta' min jinnota li dawn it-tip ta' avvenimenti jħallu impatt pożittiv ukoll fuq l-ekonomija mill-bejgħ tal-biljetti, ikel u xorb, loġistika, u kummerċjalizzazzjoni, sa xogħol tekniku awdjoviżiv. Din il-prattika hi komuni fix-xena mużikali barranija u tapplika wkoll għal oqsma artistiċi oħrajn, bħat-tpinġija.

54. Il-*Cultural Leave* għandu jinfetaħ għal aktar produzzjonijiet, mhux dawk relatati mal-Gvern biss. Din sabiex ikun hemm aktar flessibiltà u sabiex il-produzzjonijiet privati jingħataw rispett ugwali. Filwaqt li din il-miżura ħa tgħin biex artist ikun jista' jipparteċipa f'aktar avvenimenti u jinvesti aktar ħin biex jagħti xogħol ta' kwalità aqwa, dawn l-avvenimenti jħallu impatt pożittiv fuq l-ekonomija wkoll.

55. Nipproponu li jkun hemm *Hub* Kreattiv, bħall-'*Carnival Village*', li jservi ta' post għall-kollaborazzjoni mhux biss għall-proġetti relatati mal-karnival imma anke għal oqsma artistiċi oħrajn. Dan hu importanti peress li proġett artistiku jirrikjedi persuni b'ħiliet diversi biex jitwettaq u li jkollok il-kuntatti ta' dawn in-nies, li hu improbabbli li tiltaqa' magħhom l-iskola jew fil-post tax-xogħol. Il-*Hub* għandu joffri spazji kreattivi (bħal spazji għall-provi) sabiex l-artisti jkunu jistgħu jikkolaboraw u jaħdmu flimkien u għajnuna biex jimirħu fil-proġetti tagħhom bħal kif isir fl-'*Innovation Centres*/*Hubs*' lokali fil-qasam tat-teknoloġija u l-intraprenditorija fin-negozju.

56. Il-*Hub* Kreattiv għandu joffri faċilità għal bands sabiex ikunu jistgħu jipprattikaw f'post attrezzat għall-istorbju u li joffri sigurtà u serħan il-moħħ. Dan qed nipproponuh għaliex fis-sitwazzjoni kurrenti, hawn artisti li qed jisfaw vittmi ta' serq. Il-*Hub*, b'mod speċjali, għandu joffri soluzzjoni f'dan ir-rigward peress li garaxxijiet alternattivi baqgħu ma nstabux fix-xenarju preżenti, filwaqt li l-kirjiet dejjem qed jogħlew.

57. Nemmnu li għanda titfassal Bord ta' esperti mużikali għal kull reġjun li jiffaċilita l-organizzazzjoni ta' kunċerti u avvenimenti. Għandha tinħoloq

strateġija għat-turiżmu mużikali, kemm intern kif ukoll dak li jsir minn turisti minn barra, li ilkoll iħallu impatt ekonomiku pożittiv fuq ir-reġjun jew distrett.

58. Nipproponu li għandu jkun hemm rata minima li permezz tagħha jiġi ikkalkulat il-ħlas minimu li jista' jingħata artist għax-xogħol artistiku tiegħu. Din ir-rata għandha tiddependi fuq fatturi bħal m'huma l-kumplessità tax-xogħol artistiku, il-kwalifiki tal-artist, u l-esperjenzi tiegħu.

59. Nipproponu firxa akbar ta' edukazzjoni u għarfien li jistgħu jintlaħqu minn varjetà wiesgħa ta' artisti sabiex wieħed jistabbilixxi postu kummerċjalment fl-industrija li apparti l-ħiliet artistiċi tirrikjedi wkoll ċertu ħiliet fil-kummerċjalizzazzjoni, komunikazzjoni, l-intraprenditorija, u kuntatti ta' nies fl-industrija. Filwaqt li jeżisti taħriġ u numru ta' skemi għall-intraprenditorija fil-qasam tal-intrapriżi u n-negozji, relattivament jeżistu ftit faċilitajiet għall-proġetti artistiċi. Per eżempju, filwaqt li l-Kunsill Malti għall-Arti toffri fondi għall-aqwa proġetti skont il-klassifikazzjoni li jiksbu, il-*Malta Enterprise* għandha numru ta' skemi li jappartjenu għal setturi jew kriterji partikolari, i.e. intrapriżi żgħar u medji, *startups*, negozji mmexxija minn familji eċċ., iżda mhumiex soġġetti għall-klassifikazzjoni.

60. Nipproponu fondi, skemi, jew avvenimenti li jkunu iddedikati għal oqsma jew setturi differenti tal-arti, kif ukoll kategoriji separati għal artisti stabbiliti u għal oħrajn anqas stabbiliti. Din il-miżura tassigura li r-riżorsi ma jiġux immonopolizzati minn entitajiet stabbiliti biss, iżda jkun hemm distribuzzjoni ta' sapport għal kulħadd skont il-kategorija li jappartjeni minnha, bħalma l-*Malta Enterprise* għandha skemi għall-intrapriżi żgħar u medji u skemi li jappartjenu lil kumpaniji akbar.

61. Numru ta' artisti esprimew id-diżappunt tagħhom rigward il-fatt li xogħolhom huwa sottovalutat minħabba li s-settur tal-arti jiġi minsi. Iktar għandu jsir sabiex jeduka l-poplu dwar il-benefiċċji tal-industrija tal-arti ġewwa pajjiżna. Mod kif dan jista' jsir huwa bl-implimentazzjoni ta' kampanja nazzjonali li tippromwovi l-arti u l-karrieri li jeżistu f'dan is-settur. B'hekk tintwera l-abbiltà tas-settur u l-importanza tiegħu.

62. Ammont sostanzjali tal-opportunitajiet ta' fondi huma disponibbli għal kulħadd. B'hekk artisti indipendenti, enterpriżi żgħar u entitajiet li stabilixxew lilhom infushom qed jikkompetu għal-istess fondi. Filwaqt li l-entitajiet governattivi jargumentaw li d-daqs tal-entità u l-esperjenza tagħha tiġi kkunsidrata, fl-aħħar mill-aħħar l-eċċellenza artistika hija l-iktar importanti. Entitajiet ikbar issibuha ħafna eħfef sabiex jirċievu sponsorizazzjoni u xorta waħda jibbenifikaw minn fondi li setgħu ngħataw lil entitajiet iżgħar. Għalhekk

nipproponu li jkun hemm fond dedikat eskulżivament lill-artisti independenti. B'hekk, l-istess artisti jkollhom l-opportunità jiżviluppaw u jirċievu l-għajnuna meħtieġa.

63. Jeżistu numru ta' siti elettroniċi li jħallu lin-nies jfittxu xogħol fosthom *LinkedIn*, *Keep Me Posted*, u *Jobs in Malta*. Sfortunatament dawn is-siti rari joffru xogħol fis-settur tal-arti primarjament relatat ma' kumpaniji ta' produzzjoni u wirjiet. Nipproponu li jkun hemm sit elettroniku fejn artisti jistgħu ifittxu xogħolijiet fl-industrija tal-arti u organizzazzjonijiet jistgħu jirreklamaw postijiet vakanti kkatergorizata bl-irwol u l-qasam. B'hekk ikun hemm mod standardizzat ta' kif xogħol relatat mal-arti huwa rreklamat fil-waqt li jinkoraġġixxi lil-persuni jfittxu xogħol fl-Arti.

64. Ammont ta' xogħol fl-arti jsir mingħajr ma jkun hemm kuntratt stabbilit bejn l-artist u l-persuna jew entità li qed tirċievi dan is-servizz. Fil-każ fejn wieħed se jħallas għal xogħol artistiku, hemm bżonn ikun hemm kuntratt bejn iż-żewġ naħat.

65. Ikun hemm sforz nazzjonali biex inrawwmu l-kitba kreattiva fost iż-żgħażagħ u b'hekk ngħinuhom jesprimu ruħhom aħjar fil-kitba. Dan jinvolvi fost l-oħrajn pjattaforma nazzjonali onlajn biex kittieba u poeti ikunu jistgħu jippromwovu x-xogħol tagħhom.

## Membri

Bradley Cachia (Koordinatur Arti)
Amy Calleja (Koordinatriċi Sports)
Simon Caruana
Jean Luc Farrugia
Jesmar Frendo
Nicholas Gambin
Stefania Livori

KUNSILL NAZZJONALI TAŻ-ŻGHAŻAGH
50, LION STREET, FLORIANA, FRN1513, MALTA
21 245 376 | INFO@KNZ.ORG.MT

# Anness 1

http://www.maltaenterprise.com/support
https://www.artscouncilmalta.org/pages/funds-opportunities/our-funding-programmes
http://www.maltaenterprise.com/support
https://www.independent.com.mt/articles/2013-11-21/news/no-garages-for-bands-so-far-william-mangion-3247669248/
https://timesofmalta.com/articles/view/New-garages-for-bands-.548851
https://www.tvm.com.mt/en/news/il-garaxxijiet-tal-gvern-fil-government-garages-at-marsa-will-be-replaced-by-the-carnival-village-jaghmlu-spazju-ghall-villagg-tal-karnival-fil-marsa/
https://www.tvm.com.mt/en/news/work-begins-on-carnival-village-in-marsa-2/
https://www.independent.com.mt/articles/2015-02-07/local-news/Six-million-euro-investment-in-carnival-village-and-performance-centre-for-artists-in-Marsa-6736130233
https://www.tvm.com.mt/en/news/marsa-carnival-village-project-to-be-completed-by-2020/
https://www.maltatoday.com.mt/news/national/93290/construction_of_marsa_carnival_village_to_start_soon#.X4yhCi1h1sY
https://www.tvm.com.mt/en/news/ara-band-ta-muzicisti-watch-girl-band-has-e6000-worth-of-equipment-stolen-misruqa-be6000/
https://www.maltatoday.com.mt/arts/cultural_diary/49344/watch_carnival_village_to_doubleup_as_music_rehearsal_and_performance_space#.X5cs7i2ZNsZ
https://www.wipo.int/wipo_magazine/en/2015/05/article_0009.html
https://publicservice.gov.mt/en/Documents/Public%20Service%20Management%20Code/PSMC%20Manuals/Manual_on_Special_Leaves.pdf
https://mih.mt/
https://www.pwc.com/mt/en/about-us/the-hub.html
https://www.facebook.com/micMalta/
https://takeoff.org.mt/
https://www.mmsjournals.org/index.php/mmj/article/view/191
https://education.gov.mt/en/resources/News/Documents/Healthy%20Eating%20and%20Physical%20Activity%20Policy.pdf
https://www.euro.who.int/en/countries/malta/data-and-statistics/malta
https://www.sportmalta.org.mt/wp-content/uploads/2019/08/A-regulatory-framework-for-Sports-Organisations.pdf
https://meae.gov.mt/en/Public_Consultations/MEDE/Documents/SPORTS%20CALENDAR%20OUTPUT%20(1).pdfhttps://meae.gov.mt/en/Public_Consultations/MEDE/Documents/SPORTS%20CALENDAR%20OUTPUT%20(1).pdf
https://www.sportmalta.org.mt/
https://nocmalta.org/
https://www.maltapara.com/about